MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 873/2006/1

**Alexander Sant Fournier**

**v.**

**Laura Borg Cardona**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'rikors guramentatipprezentat quddiem il-prim' awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Settembru 2006 ir-rikorrent issottometta:

1. Illi b'kuntratt tal-24 ta' Novembru 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia, ir-rikorrenti akkwista l-utile dominju temporanju ta' mija u hamsin (150) sena li beda jiddekorri mill-ewwel ta' Jannar 1935 tal-appartament internament immarkat tmienja (8), 44 Tigne Mansions, Qui si Sana Seafront, Sliema, kif soggett ghac-cens annwu u temporanju ta' Lm10 u dan skond dokument hawn anness u mmarkat bhala ASF1;

2. Illi dan il-fond in kwistjoni kien mikri minn B. Tagliaferro and Sons Limited lil Anthony Borg Caronda bil-kera ta' Lm50 fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem kull 16 t'April u 16 t'Ottubru ta' kull sena.

3. Illi Anthony Borg Cardona kien ilu separat minn ma' martu l-intimata s-snin u liema separazzjoni giet formalizzata b'kuntratt tal-20 ta' Lulju 1984 fl-atti tan-Nutar Antonio Carbonaro li kopja tieghu qed tigi hawn annessa w immarkata bhala dokument ASF2;

4. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni, il-komparenti Anthony Borg Cardona rrestitwixxa sa minn qabel dan l-att, il-beni parafernali u l-amministrazzjoni tal-istess lil martu w irrinunzjaw ghad-drittijiet tas-successjoni reciproka kif ukoll kull parti ddikjarat li m'ghandiex iktar ebda pretenzjoni kontra l-ohra u ghal dan il-fini kull parti rrinunzjat ghal kull pretenzjoni ta' kull xorta li qatt setgha kellha kontra l-ohra;

5. Illi l-imsemmija intimata kienet residenti go l-Ingilterra;

6. Illi l-imsemmi Anthony Borg Cardona miet fis-sena 2000 u dan skond certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala dokument ASF3;

7. Illi skond il-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 2 tal-istess ligi, l-intimata m'ghandhiex dritt li hija tiret il-kirja tal-fond in kwistjoni stante li fi zmien il-mewt ta' Anthony Borg Cardona, hija kienet legalment u/jew de facto separata minnu;

8. Illi ghalhekk hija qed tokkupa l-fond in kwistjoni b'mod abbuziv u illegali u l-intimata m'ghandhiex u qatt ma kellha titolu fuq il-fond in kwistjoni u/jew jekk kellha dan it-titolu m'ghadux jezisti u/jew qatt m'ezista;

9. Illi hija giet interpellata diversi drabi biex tizgombra mill-fond in kwistjoni;

Dan premess ir-rikorrent talab li dik il-Qorti:

i. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata kull titolu li talvolta seta' kellha, illum gie terminat jew m'ghadux jezisti u/jew qatt m'ezista u ghalhekk m'ghandha ebda titolu fuq il-fond ossija 44/8 Tigne Mansion, Qui Si Sana Seafront, Sliema;

ii. Tizgombra lill-intimata mill-fond ossija 44/8 Tigne Mansion, Qui Si Sana Seafront, Sliema fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri interpellatorji tas-7 ta' Settembru 2006 u 25 ta' Settembru 2006 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

B'risposta pprezentata fis-6 ta' Novembru, 2006 l-intimata laqghet hekk ghat-talbiet tar-rikorrenti:

1. Illi preliminarjament jigi eccepit illi dina l-Onorabbli Qorti ma hijiex dik kompetenti "ratione materiae" sabiex titratta l-kawza odjerna;

2. Illi fil-mertu jigi eccepit illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-intimata ghandha titolu validu fil-ligi li jaghti l-jedd lill-intimata tokkupa l-fond 44/8 Tigne Mansion, Qui Si Sana Seafront, Sliema, u dana kif ser jigi ippruvat fil-mori tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi;

**Is-sentenza appellata.**

Il-prim' awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-17 ta' Jannar, 2011 meta, ghar-

ragunijiet hemm moghtija, cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat li Laura Borg Cardona ma ghandha ebda titolu fuq il-fond 44/8 Tigne Mansions, Qui Si Sana Seafront, Sliema u konsegwentement ordnat lill-konvenuta tizgombra mill-imsemmi fond fi zmien tlett xhur mis-sentenza. Bli spejjez kollha tal-kawza kontra l-konvenuta. Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

”Ikkunsidrat

”Illi qari tal-premessi u talbiet attrici, jirrizulta illi l-pretensjoni tal-attur hi li l-konvenuta Laura Borg Cardona ma ghandha ebda titolu fuq il-fond mertu tal-kawza cioe 44/8 Tigne Mansions, Qui Si Sana Seafront, Sliema, u ghalhekk qed tokkupa dan il-fond abusivament.

”Il-konvenuta qed tecepixxi illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni fil-materja ghax il-konvenuta ghandha titolu u ghalhekk il-Qorti ordinarja ma ghandhiex tisma’ l-vertenza.

”Ma hux spjegat fl-eccezzjonijiet x’inhu t-titolu vantat mill-konvenuta ghalkemm jista’ jigi dezunt mix-xiehda skarna u skeletra li giet prodotta fil-kawza illi l-konvenuta tikkontendi li hi tiddetjeni l-fond b’titolu ta’ kera.

”In tema legali jigi precizat dan li gej in kwantu jirrigwarda l-gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti fejn si tratta ta’ kawzi li huma impostati fuq il-premessa li l-konvenut ma ghandux titolu. Fil-kawza Carmelina Camilleri et vs Paul Mifsud et pro et noe (App. Inf. 12.08.1994) gie ritenut:

“Saru komunissimi l-kawzi li jimpustaw fuq il-kawzali ‘bla titolu’ talbiet ghar-ripreza ta’ pussess ta’ fond jew zgumbrament. Pero’, kif intqal f’diversi okkazzjonijiet minn din il-Qorti – bla titolu – guridikament timporta okkupazzjoni ta’ fond li sa mill-bidu nett ma kinetx konsentita, okkupazzjoni li tkun saret minghajr kunsens, abbuzivament bi vjolenza, b’arbitriju jew klandestinament, - liema llegalita’ ppredurat sal-mument li tkun giet proposta l-kawza. ‘Bla titolu’ ma tfissirx – bhala kawzali –

xi kwalita' ta' titolu li seta' kien hemm, imma issa, wahda mill-partijiet tirritjeni li m'ghadux jissussisti, u ghalhekk ikun hemm bzonn dikjarazzjoni gudizzjarja li t-titolu li kien hemm intilef, spicca, jew b'xi mod iehor m'ghadux validu, minhabba ragunijiet ta' zmien, morozita, non-osservanza tal-kondizzjonijiet tat-titolu u simili. Anke l-prekarju huwa titolu – artikoli 1839 – 1841 Kap.16 proprju ghaliex l-okkuppazzjoni inizjali tkun leggittima ghaliex bil-kunsens tas-sid. U meta dan jittermina t-titolu billi jirtira l-kunsens, xorta wahda dik is-sitwazzjoni ma tistax tigi deskritta bhala 'bla titolu' – dejjem fil-perspettiva guridika li nholqot minhabba l-ligijiet specjali li wara l-1919 inholqu biex biddlu sensibbilment ir-regoli tradizzjonali tal-kuntratti ta' lokazzjoni, komodat u ohrajn – li jolqtu l-uzu tal-fondi mmobiljari;

"Dik il-Qorti kompliet tghid li:-

"Ghalhekk, meta quddiem xi Qorti – kemm inferjuri kif ukoll superjuri ma' l-ewwel provi jirrizulta 'prima facie' li fis-sens hawn fuq imsemmi, il-kawzali ta' 'bla titolu' ma jkollhiex ir-rekwiziti hawn qabel imsemmija, dik il-Qorti, fuq dik il-kawzali, ma jkollhiex aktar kompetenza biex tkompli bil-kawza li t-talba taghha tkun ghar-ripreza tal-pussess tal-fond u ghas-setgha ta' zgumbrament. U dan minhabba l-ligijiet specjali li jezistu, kif ukoll ghaliex dik il-kawzali wahedha hija limitattiva ghall-azzjoni. Iz-zewg triqat kienu possibli ghall-Qorti ta' l-ewwel grad kif anki gie ritenut minn din il-Qorti, f'sentenza ricenti – 2 ta' Awissu, 1994, fl-ismijiet Lawrence Grima et vs Emanuel Frendo.

"Dan l-insenjament tat-2 ta' Awissu 1994 rega gie segwit mill-istess Qorti fis-sentenza taghha tal-5 ta' Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet: "Mario Galea Testaferrata vs Joseph N. Tabone noe" u recentement ikkonfermat bis-sentenza tat-28 ta' April 2004 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Pace et –v-Salvatore Attard et".

"Inoltre dan gie anke ribadit mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-20 ta Mejju 2004 fil-kawza fl-ismijiet "Emmanuel A. Bonello noe –v- Francis Fenech" li

bbazat id-decizjoni taghha fuq l-imsemmi insenjament u rriteniet hekk:-

“Illi tajjeb li wiehed jifhem ukoll x’ikun qieghed jitfisser meta attur jixli lill-imharrek li qieghed izomm jew jokkupa post bla titolu. Din il-frazi tfisser li l-parti mharrka sa mill-bidu ma kellhiex jedd tutelabbli ghall-post minnha mizmum. Il-frazi ‘bla titolu’ ghandha titqies li legalment iggib maghha ghamla ta’ okkupazzjoni li, sa mill-bidu nett taghha, ma kinitx konsentita, jew ghaliex tkun wettqet minghajr ir-rieda ta’ sid il-post li jkun, jew ghaliex tkun ittiehdet b’mod abbuziv jew bi vjolenza jew arbitrarjament, jew bil-mohbi tas-sid, liema illegalita’ tkun issoktat sal-waqt li tinbeda l-kawza. F’kaz bhal dan, is-setgha tal-Qorti biex tisma’ kawza bhal din tieqaf malli jirrizulta li l-imharrek kellu tassew xi titolu”.

“Applikat dan l-insenjament ghal kawza odjerna l-attur qed jallega fil-premessi tieghu illi la darba l-konjugi Borg Cardona kienu separati de iure fil-mument tal-mewt ta’ Anthony Borg Cardona li kien l-inkwilin tal-fond de quo, allura l-intimata ma tistax qatt tivvanta jeddijiet fuq il-fond bhala l-armla tieghu in virtu tal-Kap. 69 li jaghti protezzjoni lill-armel jew armla tal-inkwilin fuq fond mikri. Hu minnu illi l-ewwel talba attrici ta’ natura dikjaratorja hi ftit ambigwa billi hi miftuha fuq zewg binarji cioe li jekk kien hemm titolu dan gie terminat u/jew li qatt ma ezista titolu pero qari tal-premessi jwasslu lil Qorti biex teskludi li qed tintalab dikjarazzjoni li kien hemm xi titolu vigenti favur il-konvenuta u li llum ma ghadhux fis-sehh.

“Ovvjament huma l-provi li jistghu jitfghu dawl fuq jekk fil-fatt kienx hemm titolu a priori u dan jimporta di rigore dikjarazzjoni ghax-xoljiment jew terminazzjoni tieghu u kwindi decizjoni dwar jekk din il-Qorti ghandhiex jew le gurisdizzjoni fuq il-mertu.

“Il-Qorti, kif gia kellha okkazjoni taccenna ghaliha, hi priva minn provi dettaljati fuq il-mertu tal-vertenza u ghalhekk trid tistrieh fuq dak li rrizulta li hu s-segwenti.

“Jirrizulta mix-xiehda ta’ Stephen Sant Fournier, direttur tal-kumpanija B. Tagliaferro and Sons li bieghet il-koncessjoni enfitewtika tal-fond 44/8 Qui Si Sana Seafront, Sliema lill-attur, li mill-kotba tal-kumpanija jirrizulta li l-fond kien mikri lil Anthony Borg Cardona zgur mill-1980 ghax hekk jirrizulta mill-ledger sheet esibit Dok. SS1 fil-process. Ma sabx dokumenti anterjuri u ghalhekk ma setghax jikkonferma jekk il-kirja kienitx saret qabel din id-data. Il-hlas tal-kera dejjem sar minn Anthony Borg Cardona u din il-kera baqghet tigi accettata sal-14 ta’ April 2000, cioe l-ahhar skadenza ta’ kera dovuta qabel il-mewt ta’ Anthony Borg Cardona li miet fis-17 ta’ April 2000. Hu zied li l-kera ma baqghetx tigi accettata wara din id-data ghax mill-informazzjoni li gabret il-kumpanija martu ma kienitx tghix mieghu u giet Malta mill-Ingilterra f’dawk iz-zmienjiiet. Din pero kienet dak li pprezumiet il-kumpanija.

“Bhala fatt jirrizulta ukoll illi l-konjugi Borg Cardona kienu sseparaw b’kuntratt notarili fl-Atti tan-Nutar Antonio Carbonaro fl-20 ta’ Lulju 1984 fejn inter alia gia dikjarat fl-istess kuntratt illi l-konjugi Borg Cardona kienu ilhom separati de facto qabel dan il-kuntratt u illi fil-mument tal-kuntratt hi kienet tghix l-Ingillterra u fuq il-kuntratt giet rapprezentata min Dr. Joseph Schembri in forza ta’ prokura specjali datata 21 ta’ Gunju 1984. Ghalkemm l-istess konvenuta fix-xiehda quddiem l-assistent gudizjarju innegat li qatt tat prokura u qisha tat x’tifhem li lanqas taf bis-separazzjoni, il-kuntratt fih innifsu hu prova cara tal-intenzjoni tal-partijiet u jikkostitwixxi ligi bejn il-partijiet sakemm ma jigix pruvat mod iehor; prova li zgur ma saritx f’dan il-process gudizjarju.

“Inoltre fl-imsemmi kuntratt il-komunjoni tal-akkwisti giet xolta b’effett tal-imsemmi kuntratt u kull parti hadet in piena proprjeta’ dak kollu li qalghu bl-industrija taghhom u b’xogholhom u illi kull parti ddikjarat li ma kellha ebda pretensjoni kontra l-ohra u ghal dan il-fini rrinunzjaw ghal kull pretensjoni ta’ kull xorta li qatt seta’ kellha kontra l-ohra.

“Hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-posizzjoni dwar il-fond mikri lil Anthony Borg Cardona kienet kritalizzata b’dan il-

kuntratt. Hu minnu illi fil-kuntratt ma tissemmiex il-kirja pero din il-kirja kienet tghajjat lil Anthony Borg Cardona ghax hekk jidher mill-provi prodotti u bil-kuntratt tas-separazzjoni, il-konvenuta rrinunzjat espressament ghal kull pretensjoni li seta' kellha naxxenti minn dak li sehh fiz-zwieg bejnha u Anthony Borg Cardona. Din ir-rinunzja tfisser li jekk kellha xi drittijiet bil-ligi mill-kirja li kienet tghajjat lil Anthony Borg Cardona, anki jekk din il-kirja kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, prova li anqas ma saret mill-konvenuta, kif anqas ma ngiebet prova ta' meta zzewgu l-konjugi Borg Cardona b'relazzjoni ma tali kirja, tali jedd li seta' kellha gie rinunzjat minnha permezz tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni. Anki jekk jista' jigi argumentat illi l-konvenuta ma semmietx fil-kuntratt ta' separazzjoni li hi kienet qed tirrinunzja espressament ghad-dritt taghha fuq il-kirja naxxenti mill-komunjoni tal-akkwisti, xorta jinghad li l-konvenuta kienet irrinunzjat ghax il-fatti fil-mument tas-separazzjoni, cioe li hi anqas kienet qeghda Malta bhala residenza kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni u anki fl-istess kuntratt jinghad li l-konjugi Borg Cardona kienu ilhom separati de facto, juru kemm il-volonta li hi ma zzomm ebda jedd fuq il-kirja li kien ighajjat lil zewgha, kif ukoll tali attegjament da parti tal-konvenuta hu ghal kollox irrikonciljabbli mal-konservazzjoni ta' xi dritt fuq il-kirja essendo li la kellha l-abitazzjoni taghha fil-fond de quo u anqas jidher li qatt hallset il-kera hi kif xehed ir-rapprezentant ta' B. Tagliaferro and Sons (ara f'dan is-sens Schembri vs Bonnici 13.12.1954 Vol.XXX VIII.1.272).

"Hu minnu illi ingiebu provi permezz tar-registru elettorali illi juri illi l-konjugi Borg Cardona lanqas kienu registrati f'dan l-indirizz bejn l-1982 u 1984 u illi minn Ottubru 1990 jidher li kienu registrati f'dan l-indirizz iz-zewg konjugi, ghalkemm mill-1983 'l quddiem tidher li kienet registrata biss l-konvenuta f'dan l-indirizz. Jidher ukoll illi fir-registru elettorali tal-1999-2000 li Anthony Borg Cardona hu registrat f'63 Ervil Court, Triq George Ellul, Pieta. Pero din l-informazzjoni minghajr prova fondata ma turix ir-residenza abitwali tal-konvenuta ghax l-indirizz moghti fir-registru elettorali hu intiz primarjament biex jaghti jedd tal-persuna registrata tivvota fid-distrett fejn hi registrata u ma

jurix definittivament jekk din hiex ir-residenza ordinarja ghalkemm jaghti indikazzjoni prima facie ta' residenza.

"Il-konvenuta ma gabitx prova li hi ghandha titolu fuq il-fond in kwistjoni hlief li jirrizulta li f'xi zmien bdiet tabita fih, liema prova hi sossnuta anki mix-xiehda tal-gar taghha fl-istess blokk appartamenti. Gerald Axisa jixhed li ilu joqghod fl-appartament 44/2 Qui Si Sana Seafront, Sliema mill-1981 u illi meta dahal fih, Anthony Borg Cardona kien jghix wahdu. Pero f'xi zmien telaq jghix G'Mangia u floku dahlet il-konvenuta. Dan kien sehh xi hmistax-il sena ilu.

"Din il-prova fattwali, cioe li l-konvenuta kienet u ghadha tokkupa l-fond de quo, wahedha ma jaghtiha ebda titolu jew dritt fuq il-kirja vigenti favur Anthony Borg Cardona. Is-sid cioe B. Tagliaferro and Sons baqa' jircievi l-kera minghand l-inkwilin u waqaf jircieviha mal-mewt tal-inkwilin minghajr ma jidher li qatt irrikonoxxa lill-konvenuta b'xi titolu dirett jew derivattiv fuq il-kirja li kienet tghajjat lil Anthony Borg Cardona. Dan kien l-istat ta' fatt li wiret l-attur meta akkwista l-jeddijiet enfitewtici fuq il-fond bil-kuntratt tal-24 ta' Novembru 2005.

"l-uniku mod li l-konvenuta setghet ivvantat dritt fuq il-kirja appartenenti lil Anthony Borg Cardona hu billi ppruvat li ghandha jedd fuq il-kirja ex lege cioe tramite l-artikolu 2 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal precizjoni kif kien l-istat ta' dritt qabel l-emendi bl-Att X tal-2009. Mhux bizzejjed li kienet tokkupa l-fond jekk ma kellhiex il-kunsens esplicitu tas-sid. Il-jedd moghti bl-artikolu 2 tal-Kap. 69 jissussisti biss jekk il-konjugi ma kienux de facto jew de iure separati minn xulxin. Irrizulta illi l-konjugi Borg Cardona kienu de iure separati minn xulxin kif fuq inghad u ma ngiebet ebda prova da parti tal-konvenuta li saret rikonciljazzjoni kif trid il-ligi fejn l-effetti tal-kuntratt ta' separazzjoni gew terminati. Anqas il-prova li kienu jghixu flimkien ma ngabet u x-xiehda tal-konvenuta a rigward hi in miglor ipotesi konfuza u xejn cara dwar dan.

"L-okkupazzjoni da parti tal-konvenuta tal-fond 44/8 Tigne Mansions, Qui Si Sana Seafront, Sliema minghajr ebda titolu anqas prima facie li jirraforza din l-okkupazzjoni,

taghmel id-detenzjoni tal-fond da parti tal-konvenuta bhala wahda illegali u illecita, minghajr il-kunsens ta' sid il-fond u ghalhekk fic-cirkostanzi, it-talbiet attrici jisthoqqilhom jigu milqugha."

**L-appell tal-konvenuta.**

Il-konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors ipprezentat fit-2 ta' Frar, 2011 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell taghha u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza tal-prim' awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Jannar 2011 fuq riportata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat Alexander Sant Fournier.

L-appellat Alexander Sant Fournier intavola risposta ghall-appell tal-intimata fejn talab li l-appell interpost mill-intimata ghandu jigi michud bl-ispejjez doppji kontra l-istess appellanta, stante l-fatt li tali appell sar b'mod frivolu u vessatorju.

L-appellanti ressqet aggravju wiehed kontra s-sentenza appellata billi qed issostni fil-fatt li l-ewwel qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellanti ssostni li ghalkemm l-ewwel qorti rriteniet li kien hemm nuqqas ta' provi dettaljati fuq il-vertenza kienu jirrizultaw fatti centrali minn fejn it-titolu tal-konvenuta seta' jirrizulta. Dawn kienu:
a) l-okkupazzjoni tal-fond da parti tal-intimata appellanti fid-data tal-prezentata tal-kawza;
b) l-inkwilinat rikonoxxut ta' zewgha Anthony Borg Cardona,
c) is-separazzjoni *de jure* minnu permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni, u
d) l-eventwali rikonciljazzjoni tal-konjugi qabel id-data tal-mewt ta' Anthony Borg Cardona.

Ezaminata s-sentenza appellata din il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel qorti kkunsidrat dawn il-fatti kollha hekk kif irrizultaw mix-xhieda "skarna" li giet prodotta. Infatti l-ewwel qorti ghamlet referenza ghall-kuntratt ta' separazzjoni tal-konjugi Borg Cardona; ghall-konsegwenzi

tal-imsemmija separazzjoni billi l-istess konjugi rrinunzjaw ghad-drittijiet reciproci naxxenti mill-istess zwieg; ghamlet ukoll referenza ghall-fatt li l-inkwilinat kien isejjah lid-decujus u li dan kien gie rikonoxxut bhala inkwilin uniku anke bhala rizultat tal-istess separazzjoni. L-ewwel Qorti rrikonoxxiet ukoll il-fatt li l-konvenuta kienet tabita fil-fond *de quo* fid-data tal-mewt ta' zewgha, biss, dik il-Qorti osservat li dan il-fatt fih innifsu ma kien jaghti ebda drittijiet lill-istess konvenuta a tenur tal-Artikolu 2 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista tal-fatt li ma ngiebet ebda prova li wara s-separazzjoni imsemmija kienet sehhet rikonciljazzjoni bejn il-konjugi Borg Cardona billi anke rrizulta li meta l-konvenuta rritornat Malta mill-Ingilterra, ghalkemm hija bdiet tghix fil-fond in kwistjoni, zewgha kien jabita f'Tal-Pieta` ma' persuna ohra.

Din il-Qorti, ezaminati l-provi prodotti, hija tal-fehma li l-ewwel qorti kienet perfettament korretta fil-konkluzjoni taghha meta ddikjarat li l-konvenuta ma setghetx tivvanta titolu fuq il-fond in kwistjoni u ghalhekk ma ssib ebda raguni li tiddisturba l-apprezzament li ghamlet dik il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti taghmel taghha l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti; biss tosserva li ghalkemm l-unika possibbilita` ghall-konvenuta biex tirnexxi fil-pretensjonijiet taghha kif ukoll f'dan l-appell kienet li tipprova minghajr ebda dubbju r-rikonciljazzjoni ma' zewgha din il-prova ma tressqitx. Infatti ghalkemm jirrizulta li l-konvenuta kienet irritornat Malta u bdiet tabita fil-fond *de quo* din mhux prova konklussiva ta' rikonciljazzjoni billi f'dawk iz-zminijiet u anke wara, zewgha cioe` l-inwkilin Anthony Borg Cardona ma kienx jghix hemmhekk u sahansitra kien jabita f'Tal Pieta. Irrizulta ukoll bl-aktar mod car, mix-xhieda ta' Gerald Axisa, inkwilin ta' appartament li jinsab fl-istess blokk fejn tabita l-konvenuta u li jinsab fuq l-istess pjan, li minn meta giet lura mill-Ingilterra l-konvenuta, hija dejjem kienet abitat wahedha fl-appartament in kwistjoni. Dan certament mhux indikattiv ta' xi rikonciljazzjoni bejn il-konjugi Borg Cardona u ghalhekk il-konvenuta ma tista` tivvanta ebda drittijiet kif fuq inghad.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuta qed jigi michud bl-ispejjez kontra taghha. Ghall-fini tal-

izgumbrament tal-konvenuta tordna li t-terminu ta' tlett xhur koncess fis-sentenza appellata jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------